## Hamper tal-Għid

F'dawn l-aħħar 5 snin iċ-Ċentru Animazzjoni Missjunarja,fi ħdan is-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, bdiet tħeġġeġ lill-familji Maltin biex għaż-żmien tar-Randan, żmien ta' sagrifiċċju, joffru ftit ikel bħal ross, ton taż-żejt, piżelli, ħelu, gallettini u affarijiet oħra, biex jitqiegħdu ġo kaxxi, biex 'l familji oħra l-bogħod minn Malta, familji fil-bżonn fil-Peru, jkunu jistgħu jgawdu minn dan l-ikel.

Drawwa sabiħa tat-tfal Maltin, f'dan iz-zmien hija li ma' jittikilx ħelu, allura ħsibna li nħeġġu lit-tfal, biex il-flus tal-ħelu li ssoltu jixtru, iġemmgħuhom biex jinxtraw affarijiet biex jingħataw lit-tfal fqar.

Din l-idea mal-ewwel irnexxiet, li mhux biss imlejna container ta' l-20 pied bil-hampers ta' l-ikel, imma wkoll ser nimlew container ieħor u ser jintbagħtu l-Perù. Peress ukoll li ħafna nies ippreferew li jibgħatu flus minflok oġġetti tal-ikel, dawn il-flus intbagħtu l-Perù, l-Filippini u l-Pakistan, biex il-patrijiet tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, jixtru huma l-ikel lil dawn n-nies f'dawn il-postijiet fqar ħafna. Is-somma s'issa li rcevejna għall-hampers hija ta' l-fuq minn Ewro 23,000.

**Grazzi lil tant u tant familji Maltin ġenerużi**

**Ms Marthese Brincat**



# L-Għid il-Kbir
## fil-Komunità Formattiva MSSP

Il-Għid il-Kbir huwa iċ-ċentru u l-qalb tal-ispiritwalità nisranija. Bħala Komunità formattiva, iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tal-Għid huma l-qalba tal-formazzjoni tal-istudenti tagħna. Il-Ġimgħa Mqaddsa fiha mixja sħiħa ta' katekeżijiet, talb u sawm, li permezz tagħhom nistgħu nikbru aħna u ninfetħu għal ħaddieħor. Huwa ż-żmien opportun li fieħ iż-żagħżagħ li huma viċin tagħna u li qed jagħmlu dixxerniment jistgħu jaraw b'mod aktar ċar kif aħna ngħixu dan iż-żmien qaddis.

Minbarra l-preżenza taż-żgħażagħ, magħna jingħaqdu ukoll il-lajċi li kull Ġimgħa jiġu fid-Dar tagħna għal formazzjoni spiritwali tagħhom. Matul din il-Ġimgħa huma jieħdu parti f'dak kollu li nagħmlu aħna. Biex tkompli tissebbaħ iċ-ċelebrazzjoni ta' Sibt il-Għid, iċċelebrajna magħmudija ta' tarbija ta' koppja minn din l-istess komunità tal-lajċi. Għalkemm hija Ġimgħa mimlija daqs bajda bl-attivitajiet però hija tassew Ġimgħa li fiha aħna ħassejna il-preżenza tal-Mulej.



## Għoġbitek din il-leaflet li għadek kemm qrajt?

Tridna...
- Inkomplu nwasslu l-aħbarijiet tax-xogħol tas-Soċjeta' li tagħmel f'Malta u fil-missjonijiet?
- Inkomplu inkabbru l-imħabba lejn ix-xogħol tal-missjunarji?
- Ngħinu liż-żgħażagħ jistaqsu dwar il-vokazzjoni tagħhom?

Dan tista' tgħamlu billi tissieħeb fil-Fundazzjoni "Sostenituri Aħna Lilkom"

Hekk nassiguraw li min bil-ftit u min bi ftit aktar tgħinna biex dan il-fuljett jibqa' joħroġ. Ibqa' żgur mit-talb tagħna. Ta minn ifakkar ukoll, li aħna ta' kull sena fit-2 ta' Novembru niftakru fil-benefatturi tagħna fil-quddiesa. Barra dan, f'kull dar tas-Soċjeta', kull xahar, issir quddiesa għall-familjari u benfatturi tagħna, ħajjin u mejtin.

| | |
|---|---|
| **Sostenitur Ordinarju:** | **Donazzjoni Libera** |
| **Sostenitur Ħabib:** | **€23.29 (Lm10) fis-sena** |
| **Sostenitur Perpetwu:** | **€116.47 (Lm50) darba** |

L-indirizz tiegħi issa hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968

APRIL 2008 / GĦADD 425
EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




NEWSPAPER POST
ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB
SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159

# KLINIKA U KĊINA ĠODDA...FIL-PERÙ

**Fr Giovanni Cefai MSSP**

**Għal dawn l-aħħar sitt snin tmajna 'l fuq minn mitt tifel u tifla kuljum fil-kċina żgħira tagħna. Billi l-kċina kienet garaxx żgħir mibdul fi kċina ma kienx hemm kumdita' u spazju ta' xejn**

Ħafna drabi t-tfal kienu jieklu barra fuq l-imwejjed li narmawlom fit-triq, mimlija kollha trab, quddiem din l-istess kċina. L-istess nista' ngħid għal klinika żgħira fejn nattendu lil ħafna familji foqra, b'mod speċjali lill-anzjani u lit-tfal. Bl-għajnuna t'Alla u bil-ġenerożità tagħkom, l-benefatturi tagħna, irnexxilna nwettqu xewqa kbira li dejjem kellna, li nibnu ċentru sħiħ li jinkludi kċina kbira, klinika komda u ċentru kbir għaż-żgħażagħ. Hawn hekk iż-żgħażagħ tagħna jfittxu ħafna r-refugju tal-missjunarju u tal-parroċċa. Sikwit jiġu tfal u żgħażagħ biex joqgħodu jistudjaw fil-kumpless il-ġdid tagħna, ovvja għax id-dar ma għandhomx ambjent fejn jistudjaw.

Ix-xogħol prinċipali tagħna l-missjunarji huwa li nevanġelizzaw u nxandru l-Kelma t'Alla, iżda fl-artijiet tal-missjoni, ma nistgħux nibqgħu lura milli ngħinu lill-familji foqra fil-bżonnijiet tagħhom ta' kuljum bħalma huma, fl-ikel, fl-edukazzjoni u fis-saħħa. Għada kif ġiet omm żagħżugħa ta' żewġt itfal, tibki biex ngħinha ħalli jsirilha operazzjoni, għax għandha kanċer. It-tabib qalilha, jekk ma tagħmilx l-operazzjoni, ftit baqgħalha ħajja. Dan huwa każ li niltaqgħu miegħu ta' kuljum.

Jiena issa ilni 6 snin f'din il-parroċċa u qed inħoss il-bżonnijiet dejjem jikbru. Imma huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina l-missjunarji meta naraw tant ġid li qed jitwettaq fost ħutna l-bnedmin fl-artijiet tal-missjoni.

Grazzi kbira lilkom benefatturi tagħna li tissapportjawna b'tant imħabba, talb u b'għajnuniet oħra. Grazzi ukoll lil ħija Fr. Joseph Cefai li qiegħed kappillan ġewwa Wales, UK, u lil Fr. Anthony Zammit li kienu ta' sapport kbir għalija biex wettaqt din il-ħolma. Jiena nitlob għalikom b'mod speċjali f'kull quddiesa li nqaddes.



# Is-Salib jimxi ġewwa Manila

Fr Lonnie Borg MSSP

Hija użanza popolari ġewwa l-gżejjer tal-Filippini li ħafna nies joħorġu fit-toroq tal-bliet u anke l-irħula nhar il-Ġimgħa il-Kbira, iġorru slaleb ta' kull daqs. Is-sena l-oħra wara li spiċċajt il-funzjoni fil-knisja, kelli l-opportunità li mmur ma' grupp għal din il-purċissjoni tas-salib. Impressjonawni 'l ħafna tfal u żgħażagħ li jieħdu sehem attiv f'din il-funzjoni. Quddiemnett fuq speċi ta karru poġġew statwa ta' Ġesu Nazzarenu. Wara kien hemm salib kbir tal-injam li kien jinġarr min dawk kollha li xtaqu iġorruh għall-ftit tal-ħin.



Matul din il-purċissjoni kienu qed jirreċitaw ir-rużarju, il-Via Sagra u talb ieħor. Kienu ukoll jaqraw ir-rakkont tal-passjoni u anke ħafna drabi bdew ukoll ikantawh bit-Tagalog, il-lingwa tal-Filippini. Konna ilna sejrin mhux ħażin, meta wieħed raġel li ma kontx nafu ġie fuqi u qalli li issa imiss lili nġorr is-salib. Jien kont l-uniku saċerdot hemmhekk. Bħal Kristu kelli nerfà dan is-salib. Ħsibt li dan kien se jkun għal mument qasir. Pero ħadt ma ġie jeħodli s-salib u spiċċajt inġorru waħdi. Kont qed nistenna lil Xmun minn Ċirene, imma baqa ma deherx. Pero x'ġara? Innutajt li madwari issa iffurmaw żewġ gruppi ta' żgħażagħ. Wieħed jipprova jgħini nġorr is-salib, u n-naħa l-oħra grupp ieħor li kienu suldati u dawk li riedu jsallbu lil Kristu. Kien hemm spirtu ta' drama ħajja. Minn jibki u minn jgħajjat Sallbu, u jien bla ma naf sibt ruħi lejn it-triq tal-Kalvarju. Din kien esperjenza unika tal-mixja lejn il-kalvarju ġewwa Manila. Meta imxejna ftit ieħor wasalna fil-knisja u ħaduli is-salib u komplew bil-kant tal-Passjoni.

Veru li din kienet espressjoni ta' devozzjoni popolari ta' dawn in-nies li ħafna minnhom ġew minn postijiet fqar. Però fl-istess ħin rajt ukoll fidi ħajja ġejja mill-qalb ta' min jemmen u li huma ħafna qrib ir-realtà ħajja ta' tbatija u faqar.

# Ħamis ix-Xirka

## Festa spiritwali għal ĊAMYouths

Fr Karm Debattista MSSP

Ħamis ix-Xirka kienet dejjem ġurnata importanti għal ĊAMYouths fejn iż-żgħażagħ kienu jiltaqgħu biex ifakkru din il-ġurnata flimkien b'mod partikolari. Minn din is-sena ħassejna li t-twaqqif ta' l-Ewkaristija, ta' meta l-komunità tingabar f'unità sħiħa fl-ikla minn ħobża waħda u kalċi wieħed, tkun il-festa spiritwali taċ-ĊAMYouths. Fil-gruppi taċ-ĊAMYouths is-sens komunitarju hu qawwi u allura Ħamis ix-Xirka hi ġurnata li fiha joħroġ aktar dan l-aspett komunitarju speċjalment fil-mod kif San Ġwann jispjega l-Ewkaristija fil-ħasil tar-riġlejn. Illum fiċ-ĊAMYouths hemm 14-il komunità.

Kull komunità tiltaqa' kull ġimgħa jew kull ħmistax biex iż-żgħażagħ f'dik il-komunità' jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, jitolbu flimkien u jikbru flimkien fi spirtu missjunarju.

Wara l-omelija kull komunità inġabret għaliha u wara talba ta' impenn sħiħ fis-servizz tal-komunità skond l-ispirtu tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl, li fih iċ-ĊAMYouths isegwi, kull membru tal-komunità, ibda mil-leader jew guide tagħhom, ħaslu saqajn xulxin.

Biex nagħlqu dal-mument sabiħ, wara l-Ewkaristija sar l-Agape fejn kull komunità ġabet ikel u xorb u dan tqassam ma' kull min kien preżenti. Din kienet waħda mill-isbaħ esperjenzi spiritwali li kellna din is-sena.



# L-ESPERJENZA TIEGĦI FIL-PAKISTAN

*It-Tieni Artiklu*

Fr Norbert Bonavia MSSP



**Bħal kull poplu ieħor li insejħulu tat-tielet dinja, fil- Pakistan issib minn hu sinjur ħafna u minn hu fqir ħafna. Id-djar tal-fqar, jikkonsistu f'kamra jew tnejn. Hija użanza li t-tifel speċjalment il-kbir meta jiżżewweġ jibqa' joqgħod ma' missieru. Kulħadd flimkien iż-żewġ familji. Din il-ħaġa fiha t-tajjeb u l-ħażin tagħha. Għax b'hekk kulħadd jgħinu lil xulxin. Is-subien 'l oħra iridu ukoll jibqgħu jgħinu lil missierhom meta jiżżewġu.Ta' min jgħid ukoll li xi żwiġijiet għadhom jiġu irranġati mill-missirijiet. Mhux kulħadd għandu xogħol stabbli. Ħafna minn nies dak li jaqilgħu iservi biss għal dakinhar. Tara ħafna rġiel minn filgħodu kmieni f'tarf it-triq jistennew lil min iqabbadhom jaħdmu għal dakinhar, jew għalinqas għal xi ftit siegħat. Tara rġiel iġorru kulma tista' timmaġina biex imbagħad ibigħuh ħalli jkollhom biex jieklu. Fil-Pakistan għal fqir ma teżistix pensjoni u l-għajnuna soċjali hija ftit wisq, min jeħodha! Allura s-sigurtà għax-xjuħija huma t-tfal, bit-tama li meta jikbru jieħdu ħsiebhom huma. Jekk tmur fil-belt issib aktar minn Università waħda, jew aħjar hemm ċentri ta' Edukazzjoni differenti imxerrdin mal-belt kollha. Hemm wkoll aktar minn sptar wieħed bil-Kulleġġi magħhom. U ħaġa sabiħa li ħafna żgħażagħ jiffrekwentawhom. Biss fl-irħula għalkemm jidher li l-gvern jinsisti fuq l-edukazzjoni issib tfal li ma jmorrux għax mhix ħaġa obligatorja. Biex ngħinu, l-patrijiet tagħna għandhom skola primarja u sekondarja li fiha 500 tifel u tifla**

